# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 29 ta' April 2016**

**Numru 3**

**Citazzjoni Numru 427/84 CFS**

**Avukat Dr. Antoine Cachia ghal Zammit & Cachia Limited; Joseph Cachia u Julian Cachia ghal Antonio Cachia Company Limited; John u Joseph Curmi ghad-ditta John u Joseph Curmi; Peter Mallia ghal Antonio Mallia & Sons Limited u James Calleja ghal Joseph Calleja & Sons Limited – ilkoll ezercenti l-kummerc flimkien bid-ditta "Bulk Fruit Distributors" u ghan-nom tal-istess**

**v.**

**Joseph Borg u b'digriet tad-9 ta' Dicembru, 1993 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Doris armla ta' Joseph Borg, bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti ma' zewgha, Mary mart Alex Farrugia, Mary mart Victor Mifsud, Alice mart George Bugeja, Rita mart Joseph Schembri, Carmen mart John Bugeja u Paul Borg, ahwa Borg fil-kwalita` taghhom ta' unici eredi ta' missierhom, il-konvenut Joseph Borg li miet fil-mori tal-kawza**

Preliminari;

Illi dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2012, li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka dik is-sentenza; ghall-ahjar intendiment dik is-sentenza qed tigi riprodotta:

> "Il-Qorti,
>
> "Rat ir-rikors tat-13 ta' Gunju, 2011 (a fol 243) l-atturi stqarru:
>
> > "Illi fid-9 ta' Gunju 2011 din l-Onorabbli Qorti qatghet u ddecidiet il-kawza fl-ismijiet premessi u laqghet it-talba attrici u kkundannat lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi is-somma ta' €8119.87 bl-ispejjes kontra l-istess konvenuti.
> >
> > "Illi din il-Qorti, *lapsus calami*, ma semmiet xejn dwar imghax nonostante li kien espressament mitlub fl-att tac-citazzjoni u *nonostante* li kif premess it-talbiet attrici gew milqugha *in toto.*
> >
> > "Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruhhom minn dak sancit fl-artikolu 235 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
> >
> > "Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din il-Qorti joghgobha tikkoregi s-sentenza fis-sens li l-istess konvenuti jigu kkundannati ihallsu wkoll l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) almenu mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sal-gurnata tal-effettiv pagament - kollox isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi."
>
> "Rat ir-risposta tal-konvenuti (a fol 251) li fiha sostnew li:
>
> "Illi t-talba tar-rikorrenti hija bazata fuq l-Artikolu 235 tal-Kap. 12 li fost affarijiet ohra jipprovdi hekk:
>
> > "*Where a Court of first instance* omits *to determine any of the claims brought forward, no appeal shall lie 'ab omessa decisione*" (Kelma sottolineata mill-esponenti).
>
> "Illi l-bazi tat-talba rikorrenti hija li l-Qorti naqset tiddeciedi dwar l-imghax li skont ir-rikorrenti kien hemm talba espressament mitluba ghalihom fl-Att tac-Citazzjoni fis-sens li l-Qorti kien imissha ikkundannat il-hlas tal-imghax

min-notifika tac-citazzjoni u ghalhekk talbu li s-sentenza tigi korretta f'dan is-sens.

"Illi t-talba tar-rikorrenti hija bbazata kemm fuq dikjarazzjoni skorretta kif ukoll infondata skont il-Ligi ghar-ragunijiet hawn sottomessi:

"1) Illi ma huwiex minnu kif jiddikjaraw ir-rikorrenti li l-Qorti ma semmiet xejn dwar l-imghax kif ukoll ma huwiex minnu li kien hemm "*lapsus calami*" kif qeghdin jallegaw ir-rikorrenti.

"Il-fatti juru li t-talba tar-rikorrenti kienet biex l-esponenti jigu kundannati jhallsu s-somma ta' Lm34858 "bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 1984 u <u>bl-interessi kummercjali kontra tieghu</u>, imharrek ghas-subizzjoni."

"Illi l-Qorti laqghet it-talba attrici <u>kif mitluba</u>.

"2) Minn dan isegwi li l-Artikolu 235 tal-Kap. 12 ma huwiex applikabbli billi ma hemm ebda "*omessa decisione*" billi t-talbiet attrici gew milqugha fl-interezza kif proposti mill-istess rikorrenti.

"3) Illi inoltre kieku l-Qorti kellha takkolji t-talba tar-rikorrenti biex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-imghax min notifika tac-citazzjoni kif mitlub fir-rikors il-Qorti tkun qeda tiddeciedi "ultra petita".

"4) Illi t-talba tar-rikorrenti hija irritwali peress taht l-Artikolu 235 tal-Kap. 12 mhux permissibli li ssir korrezzjoni izda decizjoni fuq talba li ma gietx konsiderata u deciza li ma huwiex il-kaz.

"Illi *semmai* korrezzjoni ta' decizjoni kif qeghdin jitolbu r-rikorrenti tista' tintalab taht l-Artikolu 825 tal-Kap. 12 jekk jokkorri l-kaz u mhux taht l-Artikolu 235 tal-istess Kap.

"Illi certament it-talbiet tal-atturi ma jinkwadrawx ruhhom taht l-Artikolu 235 u ghalhekk l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi r-rikors tal-atturi ghandu jigi michud bl-ispejjez."

"Rat ic-citazzjoni ta' l-atturi li biha talbu lill-Qorti:

> "… biex il-konvenut jigi ikkundannat ihallas lid-ditta attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija hamsa u tmenin Lira Maltin, sitta u tmenin centezmu (Lm3485.86) prezz ta' banana lilu mibjugha u konsenjata kif jidher dettaljatament mill-kont esebit mac-citazzjoni bhala Dokument A. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar, 1984 u bl-interessi kummercjali kontra tieghu, imharrek ghas-subizzjoni."

"Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

> "….Illi minghajr pregudizju tal-premess l-ammont pretiz mill-atturi mhux dovut peress li l-banana mibjugha u konsenjata lill-konvenut ma kenitx skont il-kwalita` u l-ftehim pattwit."

"Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Gunju, 2011 fejn inghad:

> "……Ghalhekk il-Qorti tqis li ma saret ebda prova li l-banana konsenjata ma kenitx tal-kwalita` pattwita u li ma kien hemm ebda ksur ta' kundizzjonijiet tal-bejgh.

"Tiddikjara li konsegwentement ma irrizultat ebda responsabbilta` ta' l-atturi ghal xi danni fil-konfront tal-konvenut u li naturalment ma hemm lok ghal ebda likwidazzjoni ta' danni jew kundanna ghall-hlas taghhom.

"Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' €8,119.87 prezz ta' banana mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

"Spejjez kontra l-konvenut."

"Ikkunsidrat

"***<u>A. Lm34858:</u>***

"Fir-risposta taghhom il-konvenuti f'pagna 252 jsemmu "kundannati jhallsu s-somma ta' Lm34858". Il-Qorti tirrileva li fic-citazzjoni a fol 1 tal-process il-figura msemmija hija Lm3485.86 u anke bil-kliem jissemma tlett elef erba' mija hamsa u tmenin lira Maltin sitta u tmenin centezmu. Ghalhekk, kuntrarjament ghal dak sottomess mill-konvenuti, l-ammont mhux dak indikat fir-risposta taghhom.

"***<u>B. Talbiet milqugha fl-interezza taghhom:</u>***

"Il-konvenuti sostnew li l-artikolu 235 Kap 12 ma huwiex applikabbli ghax ma hemm ebda *omessa decisione* billi t-talbiet attrici gew milqugha fl-interezza taghhom. Huwa obbligu tal-Qorti li tezamina dan hux veru, u li jekk qabzitilha talba milli tigi kunsidrata, fuq rikors appozitu tiddikjara dan. It-talba attrici tghid:

> "… biex il-konvenut jigi ikkundannat ihallas lid-ditta attrici s-somma ta' tlett elef erba' mija hamsa u tmenin Lira Maltin, sitta u tmenin centezmu (Lm3485.86) prezz ta' banana lilu mibjugha u konsenjata kif jidher dettaljatament mill-kont esebit mac-citazzjoni bhala Dokument A. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar, 1984 u bl-interessi kummercjali kontra tieghu, imharrek ghas-subizzjoni."

"Minn dan jidher li bi zvista thallew barra l-interessi kummercjali li fil-fatt kienu gew mitluba fic-citazzjoni originali. Infatti, meta l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal Lm3485.86 ma waqfux hemm izda ziedu wkoll l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali u bl-interessi kummercjali. Ghalhekk il-Qorti taqbel li kien hemm *omessa decisione*.

"***C. Ultra petita:***

"Il-konvenuti jsostnu li kieku l-Qorti kellha takkolji t-talba tar-rikorrenti tkun qed tiddeciedi *ultra petita*. Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Sant vs Micallef**, deciza fit-30 ta' Novembru, 2007:

> "kawzali kif espressa fic-citazzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawza u l-Qorti ghandha toqghod u tkun konformi mat-termini tad-domandi kif espressi fic-citazzjoni. Li kieku dan ma jsirx, is-sentenza moghtija tkun *extra petita."*

"Ukoll, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza Vol. XXXIII.i.748 fejn intqal:

> "Hu naturali li l-Qorti hi marbuta bil-parametri tat-talbiet kif proposti mill-atturi u ma tistax tiddipartixxi minnhom, ghaliex diversament id-decizjoni tkun *extra petita*".

"Dan billi l-Qorti ma tistax tissostitwixxi, izzid jew sostanzjalment tissupplementa nuqqas dwar l-oggett u r-raguni tat-talba fic-citazzjoni (ara Vol. XIV.ii.480), kif ukoll **Maria Galea vs Grace Borg** (App. 1988/97 dec. 29/2/2008).

"Minn dan johrog car li fil-kaz in ezami ma hemmx *ultra petita* ghax fil-fatt l-imghax kien intalab fic-citazzjoni stess.

"***D. Artikolu 825 tal-Kap 12:***

"Il-konvenuti jsostnu li mhux applikabbli l-artikolu 235 izda l-825 tal-Kap 12. Izda l-artikolu 825 jirreferixxi ghal zbalji ta' kalkolu fis-sentenza u mhux *ab omissa decisione*. Fil-kaz in ezami, ma kien hemm ebda zball ta' kalkolu, izda *omissa decisione*. Ghalhekk kien applikabbli l-artikolu 235 u mhux 825 tal-Kap 12.

"***E. Bl-interessi kummercjali:***

"L-atturi fic-citazzjoni talbu s-somma ta' "Lm3485.86 … u bl-interessi kummercjali". Dan juri car li l-interessi kummercjali gew mitluba *ab initio*. Il-konvenuti jsostnu li ma hemm lok ghal ebda likwidazzjoni. F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghad-decizjoni moghtija minnha stess kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru.: 448/87FS) deciza fis-17 ta' Marzu, 2010 fejn inghad:

"Fuq dan l-aspett il-Qorti tirrileva li dwar imghax jinghad li l-principju generali hu li dan jiddekorri minn meta l-ammont dovut ikun gie likwidat. Il-principju hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut u cioe` mhux minn xi somma da likwidarsi, fejn l-ammont mitlub jirrizulta li mhux kollu dovut. Jekk l-ammont ma jkunx likwidu d-debitur ma jkunx jaf kemm ghandu jhallas u mnhabba f'hemm ma jkunx jista' jhallas u ghalhekk ma jkunx moruz fil-pagament. Dan il-principju huwa konsegwenza naturali tal-fatt li qabel dik il-likwidazzjoni u approvazzjoni d-debitur ma jistax jinghad li jkun kostitwit ***in mora***. Ara f' dan is-sens dawn is-sentenzi fejn il-gurisprudenza tista' tghid hija pacifika:

"**Salvatore Camilleri *noe* vs Candida Dimech *ed altri*** (9 ta' April, 1877) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet illi:

> ".............*il debitore di una somma non liquida non deve interessi se non dal giorno della liquidazione*............."

"**Negoziante Vincenzo Strati vs Tito Boselli *noe*** (18 ta' Ottubru, 1909) fejn il-Qorti Kummercjali rriteniet illi:

> "*I crediti illiquidi, sebbene commerciali, non producono interessi che dal giorno della liquidazione*".

"**Mallia Tabone Utrinque –** 8 ta' Dicembru, 1903

"**Filippo Farrugia Gay vs Padre Antonio Buhagiar dei Minori Conventuali *noe*** (12 ta' Mejju, 1916) fejn il-Qorti ta' l-Appell qatghet illi:

> "*Ma non essensdo chiesta una somma liquida, gli interessi non possono decorrere che dalla data della liquidazione, la quale nel caso sotto esame segue mediante la presenti decisione*".

"**Vincente Grech *et* vs Onor. Prof. AIC John Gatt *noe*** (24 ta' Ottubru, 1941) fejn il-Qorti ta' l-Appell ghal darb'ohra qatghet illi:

> " ............meta s-somma ma tkunx likwidata l-imghax jibda jiddekorri mill-gurnata tal-likwidazzjoni".

"**Maria Ellul Bonnici *et* vs Felice Mercieca *et noe*** (26 ta' April, 1950) Qorti Civili Prim'Awla:

> "L-imghaxijiet ma humiex dovuti mill-gurnata tat-talba meta d-debitu jkun incert u illikwidu, izda mill-jum tal-likwidazzjoni u ta' l-approvazzjoni taghha".

"**William Sare` vs Carmel *sive* Charles Sammut –** Qorti ta' l-Appell 29 ta' Mejju, 1988.

"**Anthony Mercieca vs In-Nobbli Salvino Testaferrata Moroni Viani *et*** (16 ta' Dicembru, 1991):

> "Ammont likwidu jew ammont illikwidu huma espressjonijiet ekwivalenti ghal ammont determinat jew ammont indeterminat u dawn huma dejjem riferibbli ghall-pretensjonijit avvanzata fit-talba ta' l-attur. Huwa l-attur li jiffissa t-termini tal-pretensjoni tieghu u huwa jaghzel jekk jitlobx ammont minnu determinat jew jitlob ammont indeterminat li ghandu jigi determinat mill-Qorti".

"**Anthony Buhagiar *pro et noe* vs Edward Scerri** – App Civili Superjuri tat-30 ta' Marzu, 2001.

"Irid jinghad li kien hemm xi eccezzjonijiet ta' meta l-Qrati taghna hassew li l-imghax setgha jkun dovut qabel. Hekk insibu li fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet **Francis Xavier Aquilina vs Andrew Mamo *nomine*** deciza fid-19 ta' Novembru 2001 inghad:

> "Din il-Qorti allura mhix qeghda b'mod kategoriku tghid illi ma jistghux jezistu cirkostanzi fejn l-imghax ikunu wkoll dovuti fuq ammont li ma jkunx ghadu materjalment gie likwidat bl-applikazzjoni tal-principju *in illiquidis not fit mora*, specjalment fejn ir-responsabilita' ghad-danni tkun giet ammessa. Il-gurisprudenza illi l-attur "ma setghax jitlob interessi anterjuri ghall-prezentata tac-citazzjoni ghaliex hu ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrali li f'kawza ta' likwidazzjoni jinghataw biss interessi mid-data tas-sentenza..........." hi s-suggett ta' zvilupp gurisprudenzjali li ghad irid jigi verifikat."

"***Omissis***

"B'dana kollu din il-Qorti f'kawza b'mertu bhal dak taht ezami ma kellhiex tonqos li tesplora l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita' tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita' ghall-hlas tieghu. Fejn imbaghad l-ammont effettivament likwidat ikun jirrizulta li hu sostanzjalment l-istess bhal dak pretiz mill-kreditur, il-Qorti setghet tqis li kienu jokkorru cirkostanzi fejn kellha tassigura li d-debitur ma jigix avvantaggjat semplicement mir-riluttanza tieghu li jhallas bl-iskuza li l-ammont ma kienx determinat gudizzjarjament, billi jiffranka l-hlas ta' l-imghax sakemm l-ammont jigi definittivament likwidat." [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

"Posizzjoni simili ittiehdet fil-kawza deciza mill-Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet **Citadel Insurance p.l.c. vs Johann Ciantar** deciza fl-20 ta' Gunju 2002 [Imh J R Micallef] fejn jinghad:

> "<u>Hija wkoll il-fehma taghha li meta talba ghall-hlas ta' danni hija maghrufa jew facilment determinabbli sa minn qabel jinbdew il-proceduri gudizzjarji li jkollhom jittiehdu biex jintalab dak il-hlas</u>, l-imghax ghandu jiddekorri minn dak inhar li ssir l-ewwel intima b'att gudizzajrju (jekk dan ikun sar) u mhux minn dak inhar li eventwalment tinghata s-sentenza li tikkonferma dak l-ammont;" [kliem sottolineat minn din l-Qorti]

Fil-kawza deciza mill-Prim' Awla fis-16 ta' Ottubru, 2002 fl-ismijiet **Blye Engineering Company Limited vs Paolo Bonnici Limited** [Imh G Valenzia] b'referenza ghal *in illiquidis non fit mora* inghad:

> "Din il-massima ma ghandiex applikazzjoni assoluta u jista' jkun hemm kazi fejn il-Qorti ma tapplikahiex, ghaliex diversament tkun qedgfha taghti vantagg lid-debitur. Kaz bhal dan huwa meta l-likwidazzjoni ma tkunx tista' ssir minhabba htija tad-debitur. Fuq din il-kwistjoni ikkummenta Giorgi (*Teoria Obbligaz* Vol III pag 202). U ara sentenza Vol LXXXI-I-359 **Schembri vs Dr. L. Buhagiar** 28/2/1997.
>
> "Ghalhekk il-principju generali hu li *in illiquidis non fit mora* ghax l-imghax ghandu jghaddi biss minn meta l-ammont huwa cert, likwidu u skadut ghalkemm tezisti l-possibilita' li dak il-principju jkun temperat fejn tkun ovvja l-assunzjoni ta' responsabilita' ghall-hlas tad-danni u fejn allura n-nuqqas ta' likwidita` tkun tirreferi ghal ammont pretiz, u mhux ghall-accettazzjoni tar-responsabilita` ghall-hlas tieghu."

"Il-Qorti tirreferi wkoll ghall-kawza deciza fit-18 ta' Ottubru, 2011 minnha kif presjeduta, fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c (C 2833) vs Carmelo Farrugia Melfar Limited *et*** (Rikors Nru: 471/07FS) fejn intqal:

"<u>*D2. L-imghaxijiet u ultra duplum*</u>***:***

> "Il-konvenuti qedghin jibbazaw parti mid-difiza taghhom fuq il-kuncett tal-*ultra duplum* [li l-imghax ma ghandux jeccedi l-kapital fil-kuntratt tal-mutwu]**.** Il-ligi L.27.C. *de usuris* gejja mid-dritt Ruman. Diversi drabi l-Qrati taghna ddecidew li din ghada applikabbli peress li ma gietx abrogata bl-Ordinanza VII tal-1868.

"Il-Qorti taghmel referenza ghas-segwenti sentenzi rigward dan il-kuncett:

"PA **Baldassare Randon *et* vs Regina Apap *et*** 26/6/1881 – Vol V – 567;

"PA **Nutar Giuseppe Raimondo Psaila *nomine* vs Francesco S Psaila *et*** 22/3/1878 – VIII – 471;

"PA **Lorenza Vassallo vs Francesco S Palmier *et*** 31/3/1878 – Vol VIII – 586;

"App **Giovanni di Lorenzo Pace Balzan vs Giuseppe Muscat** 27/4/1883 – X – 128;

“App **Francesco Spiteri vs Hon Adolfo Sciortino *noe*** 18/10/1886 XI – 178

“App **Vincenzo Bugeja C.M.G. vs Giuseppe Mirabita *et*** 29/4/1887 – XI – 310

“Kum William **Leonard *noe et* vs Dr Francesco Sammut *noe*** 1/10/1887 – XI – 398;

“Kum **Catarina Darmanin vs Dr Filippo Preziosi** 31/3/1890;

“App **Konkors tal-Kredituri tal-Konti Fontani-Manduca** 26/3/1897 ;

“PA **Zarb vs Dimech** 2/2/1903 XVIII-II-226;

“PA **Vella vs Formosa** 9/12/1920 XXIV - II -361;

“App Civ **Azzopardi vs Chetcuti** 15/10/1926;

“PA **Decelis vs Briccio** 27/1/1926 XXVI-II-231;

“PA **Massa vs Sciberras** 9/11/1927 – XXVI-II- 503;

“Kum **Apap vs Bartolo** 23/1/1939 – XXX-III-414;

“**Tabone vs Cannataci** 6/3/1946 – XXXII-II-249;

“PA **Vassallo vs Ballucci** 30/4/1947 XXXIII-II-64;

“Kum **Bonello vs Lanzon** 14/1/1964 – XLVIII-III-1363;

“Kum **Galea vs Mifsud Bonnici** 16/10/1974;

“Kum **Camilleri vs Xuereb** 11/3/1980.

“Dawn jikkonfermaw li l-imghax li ma jkunx thallas ma jistax jeccedi l-kapital. L-ammont tal-lukri mhux imhallsa huwa limitat sal-ammont tal-kapital dovut. L-imghax mhux imhallas perjodikament ma ghandux jissupera l-kapital li fuqu jkun dovut.

“*D3. Talba ghal kundanna hlas. Jistghu l-imghax fuq is-sorte jaqbzu l-istess sorte?:*

“Izda ghalkemm ir-regola dwar l-*ultra duplum* tezisti din tirreferi ghal mutwu. Ir-regola li l-imghax ma ghandux jeccedi l-kapital hija applikabbli

ghall-kuntratt ta' mutwu u matul iz-zmien li l-imsemmi kuntratt ikun ghadu ghaddej. **F'Vassallo vs Baluci** fuq imsemmija gie deciz li r-regola tal-*ultra duplum* mhux applikabbli ghal kuntratt ta' *overdraft*.

"Izda hawn wiehed jinnota li dak li qieghed jintalab huwa dwar sentenza finali u mhux dwar kuntratt ta' self. Jistghu l-imghax fuq is-sorte jaqbzu l-istess sorte? Hawn ma ghandniex il-kuntratt ta' self izda istitut iehor [ara **Leonard vs Sammut** fuq imsemmija]. Dawn huma d-danni sofferti mill-kreditur. Ir-regola tal-*ultra duplum* ma hix applikabbli fil-kaz ta' kanonizazzjoni ta' flus b'sentenza. Wara s-sentenza msemmija l-ammont sar somma kanonizzat b'sentenza u certament wiehed ma jistax iwaqqaf l-imghax ghax altrimenti jkun jikkonveni lid-debitur li ma jhallasx u ma jigrilu xejn. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-20 ta' Lulju, 1994 fl-ismijiet **Francis Penza vs John Mallia** fejn l-imsemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell – Sede Kummercjali rriteniet is-segwenti:-

> "Il-ligi taghna difatti ma tistax tkun iktar cara u esplicita minn dak li tistupula fl-Art. 1139 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u cioe`:
>
>> 'jekk l-obbligazzjoni li jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija.'

"Ikun hemm uzura ghalhekk jekk, ghall-grazzja tal-argument il-kreditur jitlob penali oltre l-interessi jew inkella jekk jitlob imghaxijiet li jissuperaw it-tmienja fil-mija fis-sena (ara Art. 1852 ta' l-istess Kap) imma, altrimenti, ir-regola li tipprojbixxi l-*ultra duplum* ma tirreferix, ma tapplikax, u ghalhekk wkoll ma tistax tigi estiza ghal obbligazzjonijiet bhal din il-kawza meta l-ligi stess tipprovdi xort'ohra.

"In-natura ta' 'danni' inerenti f'dan ix-xorta ta' interessi tant hija netta u mmarkata li fl-Art. 1140 tal-Kap 16 insibu wkoll li tali nteressi ghandhom jithallsu minghajr ma jkun mehtieg li l-kreditur jipprova li bata xi telf. Illi li kieku l-Qorti kellha taccetta l-argument ta' l-appellant il-konsegwenza tkun li meta procediment ta' kawza jidher tul aktar milli previst biex jigi determinat allura awtomatikament ikun jfisser li f'kaz li l-ezitu jkun sfavorevoli ghad-debitur, id-dewmien ikun qieghed jivvantaggja u jippremja lilu ghaliex l-interessi dovuti in linja ta' danni ma jkunu qatt jistghu jissuperaw il-kapital u dana meta l-ligi in kwistjoni ma tghid xejn minn dak u *quid lex voluit, dixit*."

"***<u>F. Konkluzjoni</u>:***

"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib li kien hemm *omisse decisione* fuq l-interessi kummercjali, u a tenur tar-rikors tat-13 ta' Gunju, 2011 tikkundanna lill-konvenuti jhallsu wkoll l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija

> (8%) mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sal-gurnata ta' l-effettiv pagament, basta dan ma jaqbizx id-doppju tas-sorte.
>
> "Spejjez kontra l-konvenuti."

Kif jidher allura din is-sentenza iddikjarat illi kien hemm nuqqas ta' decizjoni fir-rigward tal-imghaxijiet; ghandu jinghad ukoll li l-ahhar sentenza (fis-sens grammatiku) taghha giet mibdula mill-istess Qorti fl-24 ta' Jannar 2012 fejn ordnat li l-hlas tal-imghax kellu jkun bir-rata ta' tmienja fil-mija mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sal-gurnata tal-pagament effettiv "anke jekk dan jaqbez id-doppju tas-sorte" u mhux "basta dan ma jaqbizx id-doppju tas-sorte" kif kien deciz orginarjament. Dan kien sar fuq talba tal-atturi permezz ta' rikorsipprezentat ukoll fl-istess data u cioe` fl-24 ta' Jannar 2012.

L-atturi kienu ghamlu t-talba taghhom (fir-rikors tat-13 ta' Gunju 2011) ghaliex sostnew li kien hemm zball fid-decizjoni originali ghaliex minn partijiet ohra tas-sentenza jidher car skont huma, li l-Qorti kellha f'mohhha li l-imghaxijiet setghu jaqbzu s-sorte. Kwindi iccitaw l-Artikolu 235 tal-Kap. 12 li jghid hekk:

> "235. Meta l-qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-deċiżjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell ab omissa decisione:
>
> "Iżda, kull waħda mill-partijiet tista', fiż-żmien ta' ħmistax il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid, il-qorti tiddeċiedi fuq dik it talba; f'dan il-każ, iż-żmien għall-appell

mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dak in-nhar tal-aħħar deċiżjoni:

"Iżda, ukoll, kull waħda mill-partijiet tista', f'kull żmien li jkun, titlob quddiem il-qorti tal-ewwel grad, bil-mezz ta' rikors ġuramentat, id-deċiżjoni tat-talba li ma ġietx deċiża."

Fir-rikors tal-appell taghhom il-konvenuti jghidu hekk:

"Illi r-rikors tal-atturi huwa bazat fuq l-Artikolu 235 tal-Kap. 12 li jipprovdi hekk:

"Meta l-Qorti tal-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposta, ma jinghatx appell 'ab omissa decisione':

"Izda, kull wahda mill-partijiet tista', fiz-zmien ta' hmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mexx ta' rikors, titlob lill-Qorti tal-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid, il-qorti tiddeciedi fuq dik it-talba; f'dan il-kaz, iz-zmien ghal appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dk in-nhar tal-ahhar decizjoni;

"Izda, ukoll, kull wahda mill-partijiet tista', f'kull zmien li jkun, titlob quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, bil-mezz ta' rikors, id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza.

"Illi minn dan l-Artikolu johorgu is-segwenti punti legali u fattwali fil-kontest tar-rikors tal-atturi:

"1) Illi f'dan ir-rikors l-atturi qeghdin jitolbu illi l-Qorti <u>tikkoregi</u> s-sentenza:"

"L-Art. 235 ma huwiex l-artikolu rilevanti f'dan il-kuntest izda l-Artikolu 825 u ghalhekk f'dan ir-rigward ir-rikors huwa irritwali.

"2) Illi t-talba fic-citazzjoni hija l-esponent jigi kundannat ihallas is-somma ta' Lm3485.86 <u>bl-interessi kummercjali</u> kontra tieghu.

"Illi l-Qorti fis-sentenza taghha, tad-9 ta' Gunju 2011, iddecidiet il-kawza billi qalet "<u>Tilqa' t-talba attrici</u> u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' €8119.87".

"Minn dan isegwi b'mod car illi t-talba kif proposta mill-atturi giet milqugha fl-<u>interezza</u> taghha.

"Konsegwentement huwa assurd li wiehed jirrikorri ghal Qorti biex japplika l-Art. 235 li jipprospetta 'omessa decisione' u mhux korrezzjoni jekk qatt kien il-kaz.

"3) Illi l-Art 235 m'huwiex applikabbli meta ma hemmx decizjoni ommessa kif jidher b'mod car fil-kaz in ezami.

"Il-procedura ta' reklam 'ab omessa decisione' tirriferixxi ghal kazijiet li tithalla barra xi wahda mit-talbiet proposti u ghalhekk mhix applikabbli meta l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba kif proposta.

"4) Dak li qeghdin jitolbu l-atturi huwa illi l-Qorti tmur oltre dak li gie deciz billi takkolla imghax minn data li ma tifformax parti mill-kawzali u hekk ukoll il-Qorti tikkostitwixxi ruhha bhala Qorti tal-Appell u tiddeciedi 'ultra petita'.

"5) Huwa principju ben assodat illi meta l-Qorti tippronunzja s-sentenza taghha l-funzjoni gurisdizzjonali fuq dik ic-citazzjoni tkun spiccat, u ma jistghux isiru aggunti f'dik is-sentenza wara li tkun deciza mill-Qorti jekk ma tkunx saret talba lill-istess Qorti ghar-reintegrazzjoni tad-decizjoni minhabba ommissjoni ta' decizjoni. Aggunta simili fis-sentenza tkun saret 'ultra vires'.

"Id-decizjoni qeghdha fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fuq dak li wiehed jahseb li ma jigix konkrettizzat.

"Illi mill-premess isegwi illi ma tezistix 'ommissa decisione' u t-termini tal-Art 233 huma wisq cari biex ikunu trasandati.

"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili mghotija fis-16 ta' Jannar 2012 bl-ispejjez kontra l-appellati atturi."

Imbaghad fir-risposta taghhom l-atturi appellati (fol. 279) irrespingew il-kontenut tar-rikors tal-appell, u qalu fost affarijiet ohra li:

"Illi huma skorretti l-appellanti li jirribadixxu, kif del resto ghamlu quddiem il-qorti tal-prima istanza, meta ikkontestaw ir-rikors riferut, li jghidu li l-artikolu rilevanti ma hux dak citat mill-atturi appellati u cioe` l-artikolu 235 tal-Kap. 12 izda huwa l-Artikolu 825. L-Artikolu 825 kien applikabbli ghat-

tieni rikors (u cioe` dak tal-24 ta' Jannar 2012) u mhux ghall-ewwel wiehed.

"Illi fl-ewwel paragrafu ta' pagna 4 tar-rikors tal-appell, jidher li l-appellanti jaqblu illi "it-talba fic-citazzjoni hija *(li) l-esponenti jigi ikkundannat ihallas is-somma tal LM3485.86* ***bl-interessi kummercjali*** *kontra tieghu*" – enfazi tal-appellanti stess! Jekk allura t-talbiet attrici kienu fis-sens li l-appellanti jigu ikkundannati jhallsu kemm is-somma fissa ta' Lm3485.86 kif ukoll l-interessi kummercjali, apparti l-ispejjez tal-kawza, u la darba il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ikkundannathom ihallsu biss is-sorte ta' Lm3485.86, kif jistghu l-appellanti jghidu illi attwalment il-Qorti ma kenitx naqset milli tindirizza u tiddeciedi t-talba ghall-hlas tal-imghax legali, skont ma kif kien attwalment mitlub?

"Huma, bir-rispett kollu, skorretti l-appellanti li jissottomettu, fir-rikors tal-appell taghhom, meta jghidu illi la darba il-Prim'Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talba attrici u ikkundannat lill-konvenuti appellanti jhallsu s-somma ta' €8119.87 "*isegwi b'mod car illi t-talba kif proposta mill-atturi giet milqugha fl-interezza taghha*". Huwa anzi ezattament l-oppost li gara meta nghatat l-ewwel sentenza u kwindi kienu perfettament korretti illi l-atturi appellati, fiz-zmien stabbilit fil-kodici procedurali taghna, li jitolbu illi l-Qorti tiddeciedi wkoll it-talba ghall-hlas tal-imghax, li bi zvista l-Qorti tal-ewwel grad kienet halliet barra mill-imsemmija sentenza.

"Minn dan kollu jsegwi illi jekk kien hemm xi haga li hija assurda, bir-rispett kollu, kif sottomess mill-appellanti, ma kenitx certament il-procedura adoperata mill-atturi meta intavolaw ir-rikors taghhom sabiex il-Qorti tiddeciedi wkoll it-talba dwar l-imghax tas-sentenza izda huwa dan l-appell li ghalih qed issir din ir-risposta.

Illi huma skorretti l-appellanti li jissottomettu illi dak "*li qeghdin jitolbu l-atturi huwa illi l-Qorti tmur oltre dak li gie deciz billi takkolla imghax minn data li ma tifformax parti mill-kawzali u hekk ukoll il-Qorti tikkostitwixxi ruhha bhala Qorti tal-Appell u tiddeciedi 'ultra petita'*". Minn dan kollu ma hemm vera xejn. Kien ikun hemm xi haga 'ultra petita' kieku l-imghax qatt ma kien mitlub fl-att tac-citazzjoni – fil-fatt irrizulta li l-imghax kien mitlub sa mill-bidu nett.

Illi wkoll kuntrarjament ghal dak sottomess mill-appellanti ma ntalbet u ma saret ebda aggunta ghas-sentenza, izda saret talba li giet milqugha sabiex dik il-parti tat-talba tal-atturi li ma kenitx trattata u deciza fis-sentenza principali tigi hekk trattata u deciza. Hekk kull ma gara, u xejn izjed.

Ghaldaqstant l-appellati esponenti, filwaqt li jaghmlu riferenza ghall-atti processwali u filwaqt li jirriservaw id-dritt li jressqu dawk ix-xhieda lilhom permessi skont il-ligi jissottomettu bir-rispett illi t-talba tal-appellanti illi tigi

> revokata s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2012 tigi revokata ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenuti appellanti."

Il-Qorti ghalhekk, rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell u ikkonsidrat;

**AGGRAVJI**

L-aggravji tal-appellanti gia` ssemmew u fi ftit kliem jistghu jigu riassunti fis-sens li huma qed jikkontendu li ma kienx hemm lok ghas-sentenza msemmija ghaliex il-kawza kienet giet deciza fl-interezza taghha meta nghatat is-sentenza tad-9 ta' Gunju 2011.

L-ewwel nett huma jghidu li l-Artikolu 235 tal-Kap. 12 li ssemma' fir-rikors li wassal ghas-sentenza appellata ma japplikax ghaliex l-appellati kienu talbu korrezzjoni u mhux sentenza ohra. Skont huma allura kellu japplika l-Artikolu 825 (2); dan l-artikolu jghid hekk:

> "Lanqas ma jimpedixxu lill-qorti milli tikkorreġi żbalji fil-kliem użat fis-sentenza, jew milli tbiddel espressjonijiet li ma jkunux ċari, jew li jistgħu jiftiehmu xort'oħra minn dak li kif jidher ċar riedet tfisser il-qorti, kemm-il darba jsir rikors għaldaqshekk fi żmien tletin ġurnata minn dak in-nhar tas-sentenza, u f'dak il-każ, iż-żmien mogħti minn dan il-Kodiċi għall-appell mis-sentenza li tkun ġiet hekk ikkorreġġuta, jibda jgħaddi minn dak in-nhar tad-digriet mogħti fuq it-talba għall-korrezzjoni."

Huwa minnu li l-atturi talbu lill-Qorti biex tikkoregi s-sentenza originali taghha permezz tar-rikors tat-13 ta' Gunju 2013 fil-waqt li indubbjament l-Artikolu 235 jipprospetta li s-sentenza tal-Qorti tkun halliet parti mit-talbiet attrici mhux decizi. Dan pero` minnu nnifsu ma jfissirx li l-Qorti ghandha tiddikjara nulli l-proceduri ghaliex il-Qorti ssib li jikkonkorru elementi bizzejjed biex jigi applikat l-insenjament illi *"f'kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni l-Qorti hija fakoltizzata li fejn jidhrilha tipprovdi fuq il-bazi tal-ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorrix f'nullita`* *(**Vol XXIX-111-698u Vol XLVIII-11- 777**) – Dan in omagg ghall-hsieb ispiratur traccjat f'hafna decizjonijiet li jevita kemm jista' jkun il-moltiplikazjoni u d-dilazzjoni tal-liti u jiskoraggixi l-formalizmu rigidu li "si attaccava con troppa severita` e poco riguardo all'amministrazione della giustizia*" ***(Vol XXVI-i-424).*** (**Design Elements Limited v. Michael Camilleri pro et noe**, Appell Inferjuri, 20 ta' Ottubru 2004). Dan japplika certament fejn il-fatti rilevanti ghat-talba attrici irrizultaw kjarament (**G. Calleja v. Dr Jose` Herrera nomine**, 5 ta' Ottubru 1992, Prim'Awla). Fil-kaz in ezami, jidher car li l-atturi talbu lill-ewwel Qorti biex tiddeciedi dwar il-komputazzjoni tal-imghaxijiet peress li, skont huma, dan ma giex deciz fis-sentenza originali, u l-kelma 'tikkoregi' ma kellhiex tigi uzata fir-rikors in kwistjoni. Huwa ghalhekk aktar '*lapsus calami*' milli haga ohra.

Din il-Qorti allura trid tara jekk is-sentenza moghtija fid-9 ta' Gunju 2011 hallietx barra xi parti mit-talbiet attrici. Kif qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha **Josephine Bonello v. John Bonello** (deciza fil-31 ta' Jannar 2003): "Kif jidher mill-kliem espress ta' din id-dispozizzjoni l-ligi qed tippresupponi illi l-Qorti bi zvista naqset li tippronunzja ruhha fuq xi wahda mit-talbiet. Naturalment qed tippresupponi wkoll, u dan bhala rekwizit ovvju, ghall-applikazzjoni ta' dan ir-rimedju, illi *"d-domanda mhux maqtugha kienet wahda mid-domandi migjuba fic-citazzjoni" (***Carmela Vella v. Salvatore Vella**, Appell Civili, 17 ta' Novembru 1941)*.* "*Inoltre biex wiehed jaghti l-aspetti guridici kollha tal-artikolu in diskussjoni fejn tithalla barra eccezzjoni l-parti ma tistax tinqeda b'dan ir-rimedju, ghax l-eccezzjoni mhiex talba*" (***Vol XXXVII p I p 80)***".

Fil-kaz in ezami l-atturi talbu li l-konvenut ikun ikkundannat ihallas is-somma msemmija bl-ispejjez komprizi tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 1984 u bl-interessi kummercjali, u l-Qorti iddecidiet il-kawza billi qalet: "Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' €8119.87 prezz ta' banana mibjugha u konsenjata lill-konvenut; spejjez kontra l-konvenut".

Din il-Qorti jidhrilha li meta l-ewwel Qorti laqghet it-talba attrici hija kienet evidentement qed tilqa' t-talba kollha attrici kif dedotta. Ghalhekk laqghet ukoll it-talba ghall-interessi kummercjali sija pure minghajr precizazzjoni

tad-data minn meta kellhom jigu komputati; fil-fehma ta' din il-Qorti ma setghetx taghmel hekk ghaliex ma kenitx mitluba taghmel hekk. Kwindi ghandhom ragun il-konvenuti jghidu fl-appell taghhom illi kieku jsir hekk (u allura takkolla imghax minn data li ma tifformax parti mill-kawzali), ikun hemm decizjoni lill-hinn mit-talbiet attrici (*ultra petita*). Kif qalet il-Qorti fis-sentenza appena citata (**Bonello v. Bonello**);

Is-sentenza ghalhekk ezawriet id-domanda. Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet **Salvatore Micallef v. Filippu sive Pinu Borg**, Appell Civili, 23 ta' Mejju 1947, *"id-decizjoni qeghda fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux fil-motivazzjoni. Ghalhekk min jippretendi illi l-gudikant ma rragunax fuq xi wiehed mill-motivi allegati in sostenn tad-domanda ma jistax ifittex ir-rimedju fil-procedura stabbilita mil-ligi ghall-kazijiet fejn ikun hemm 'omessa decisione'"* ***(Vol XXXIII p I p 114)****.* *Hu bizzejjed maghruf illi "trattandosi di leggi di procedura che hanno progetto l'ordine pubblico mediante un convenzionismo di forma, non si deve ammettere altra interpretazione che la letterale nel senso che ove la legge prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non per equipollens.".* (**Vol XVIII p I p 879; Vol XLIX p I p 421**).

Din mhix kwestjoni ta' legalizmu jew formalizmu zejjed. Hi invece kwestjoni ta' applikabbilita` o meno ta' norma procedurali specjali. Il-Qorti

temmen, bhall-qrati ohra qabilha, illi "*waqt li l-formalizmu eccessiv ghandu jigi evitat m'ghandux lanqas pero` jidhol jew jigi inkoraggit permessivizmu ingustifikat*" **(Vol XXXII p I p 712; Francis T. Gera noe v. Ed. Camilleri et**, Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Frar 1973).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell principali billi tilqghu u allura tirrevoka s-sentenza tal-24 ta' Jannar 2012 u konsegwentement, tichad it-talbiet kontenuti fir-rikors tat-13 ta' Gunju 2011.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri a kariku tal-atturi appellati.

Silvio Camilleri
Prim Imhallef

Tonio Mallia
Imhallef

Joseph Azzopardi
Imhallef

Deputat Registratur
df